MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2011

Numru. 137/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANZJAN ANTHONY CASSAR**
**SPETTUR ANTONOVITCH MUSCAT**
**VS**
**IMPUTAT (OMISSIS)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, omissis sena, iben omissis, imwieled omissis, fit-omissis u residenti omissis, detentur ta’ Karta ta’ l-Identita’ Maltija bin-numru omissis;

Illi huwa akkuzat talli fid-9 ta’ Frar 2007, f`rahal A u drabi ohra f’dawn l-ahhar xhur, b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1. Bi vjolenza, kkommetta stupru fuq il-persuna ta' (omissis) minuri A, ta' omissis sena, bint il-mejjet missier minuri A u omm minuri A, imwielda omissis, u residenti omissis, detentrici ta' Karta ta' l-Identita' Maltija bin-numru omissis, liema delitt sar bi hsara ta' persuna li ma kinitx tista' tirrezisti minhabba marda tal-gisem jew tal-mohh jew ghal raguni ohra indipendenti mill-eghmil tal-hati, inkella minhabba l-mezzi qarrieqa li huwa nqeda bihom;

2. Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, b'eghmil zieni kkorrompa lil (omissis) minuri B, ta' omissis sena , bint il-mejjet missier minuri B u omm minuri B, imwielda omissis fil-omissis u residenti omissis, detentrici tal-Karta ta' l-Identita' Maltija bin-numru omissis u lill-(omissis) minuri B, ta' omissis, bint missier u omm minuri B, imwielda omissis fil-omissis, u residenti omissis, liema delitt sar bi hsara ta' persuna li ghadha taht l-eta' ta' tmintax-il sena;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, offenda il-pudur jew il-morali ta' l-imsemmija l-(omissis) minuri A u l-(omissis) minuri B, b'eghmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmija (omissis) minuri A u l-(omissis) minuri B u l-familja taghhom, taht l-provvedimenti ta' l-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa;

Il-Qorti giet mitluba, tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmija (omissis) minuri A u L-(omissis) minuri B u l-familji taghhom, jew sabiex jinzamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, taghmel Ordni ta' Trazzin kif ukoll torbot lill-istess Imputat (omissis), b'obbligazzjoni tieghu infusu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti;

Finalment, il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti u dan

a terminu ta’ l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l- Artikoli elenkati mill- Avukat Generali taht liema Artikoli din il- Qorti tista ssib htija fl- imputat.

Rat il- Verbal ta 23 ta’ Settembru 2008, fejn l imputat ma sabx ogezzjoni li jigi gudikat minn din il- Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi mix- xhieda ta’ (a fol 9 et seq.) omm il- minuri A, jirrizulta li l-minuri A ghamlet rapport l- ghassa tal- pulizija fuq abbuz sesswali fuq it- tifla taghha ta omissis sena. Omm il-minuri A xehdet li bintha kienet harbet mid- dar u giet misjuba mill- pulizija. Omm il-minuri A informat lil Qorti li bintha, kienet taht il- kura ta’ psikjatra,u tiehu medicinali minn mindu kellha omissis. Il-minuri kienet assistita minn *Social Worker*, certu Elisabeth (Abdilla). Meta l-minuri rritornat id- dar, Omm il-minuri A saret taf illi kien hemm xi guvni ta omissis sena li kien abbuza minn bintha.

Il- minuri (omissis) A xehdet illi kienet taf lil imputat ghax dan kien il-habib ta’habiba taghha. L-(omissis) minuri A xehdet li l- imputat kien ikun ta’ sikwiet go garaxx vicin tad-dar taghha ’l ghaliex kien ihobb iz-zwiemel u ghalhekk kienet tarah ta’ kuljum. Mitluba tghid jekk qatt hargitx ma l-imputat, minuri A xehdet li fl- ewwel okkazjoni waqt li kienet qed titkellem ma l-imputat, dan talabha biex issegwih. Huwa hadha faccata fejn kien hemm fond, x’ aktarx taht kostruzzjoni, u hemmhekk, minuri A tghid li l-imputat qabad ibusha, nezzalha il-gakketta, il- hwejjeg u l-ilbies ta’ taht u “kellu x’ jaqsam mieghi” (fol 16) u cioe “dahhal il- parti tieghu f’ tieghi”. Minuri A tghid li dan gara f’ Novembru u ftakret id-data l-ghaliex kien vicin il- birthday

taghha li huwa fil- 21 ta’ Novembru. L-(omissis) minuri A xehdet li meta sehh l- att sesswali, hija bezghet mill-imputat, hassitha skomda u wegghet naqra (ara fol 18).

Illi wara dan l- incident kien hemm okkazjoni ohra fi Frar, meta ltaqghat ma l-imputat waqt li kienet akkumpanjata minn certu minuri B.

*“L-imputat (omissis) ghax rajnieh, ghedtilha (lil minuri B) ha nara xi jrid ghedtilha, steninni u baqghet sejra u gie qalli ghax ma tridx kliem? Ghedtlu mhux ma rridx kliem… u mbaghad beda jbusni … nezzali l- gakketta*” u l- hwejjeg l- ohra u rega kellu x’ jaqsam maghha *(ara fol 19).*

Minuri A xehdet illi anki f’ din it- tieni okkazzjoni, hassitha skomda waqt l- att sesswali. Minuri A xehdet li hija bdiet tumbrah lill-imputat u dan il- ghaliex derilha li l-imputat **kellu jistaqsijha** mhux “jaqbad u jaghmel hekk”. Minuri A xehdet illi meta beda jnezzalha hwejjigha hija qaltlu biex ihallijha u tellghet iz- zipp, izda l- imputat rega nizzilulha. Hija xehdet li m’ ghamlet xejn iktar minn dan ghaliex kienet tibza minnu. Hija ma tatx raguni il-ghaliex kienet qed tibza’, ghajr li kienet semghet minn ghand shabha, li l-imputat jitaghlu jekk ikun fis- sakra. L-(omissis) minuri A xehdet li hija ma kellhiex grazzja mal-imputat izda kellha grazzja ma kuginuh “ghax kien gustuz”.

L-(omissis) minuri A xehdet illi anki fit- tieni okkazzjoni, l-atti sesswali graw go garaxx sotto kostruzzjoni. Il-minuri A xehdet li minuri B kienet iritornat u sabitha gharwiena, b’imputat biz- zipp tal-qalziet imnizzel u l-qalziet ta’ taht imnizzel sa nofs kuxxtejh. Il- minuri xehdet li l imputat kien egakola barra (fol 25). Minuri A xehdet illi hwejjigha kienu mxarbin, b’ awrina u bl-ilma, u l- minuri giet kostretta tilbishom. A fol 26 il-minuri A xehdet li pprattikat sess orali fuq l-imputat. Il- minuri A xehdet li kienet taht il- kura tal-psikjatra Dr Joseph Saliba. Bejn Novembru u Frar, il-minuri tghid li kienet iltaqghet ma u kellmet lil imputat diversi drabi. Hija xehdet li ma kelliex grazzja ma l-imputat pero’ jista jkun li l- imputat kellhu l- impressjoni li hija kellha grazzja mieghu (ara fol 28). In kontro ezami l-minuri A xehdet oht habib C kien jisimha habiba D.

In kontro ezami, il-minuri xehdet li habib E, habib F, habib G u habib H kienu hbieb taghha u li hija qatt ma kellha relazzjonijiet intimi maghhom. Aktar il-quddiem fix- xhieda taghha, (omissis) minuri A xehdet li kien veru li kellha x' taqsam sesswalment ma certu boyfriend I pero' mhux il-boyfriend I li kien jaf l- imputat. Dan gara **qabel Novembru ta' 2006**. A fol 30, pero' minuri A tghid **li ma kelliex relazzjonijet sesswali** ma dan boyfriend I. Tghid pero' li kellha **x' taqsam sesswalment ma' certu boyfriend J** u dan **meta hija kellha biss omissis snin pero ma ppartecipatx f' sess orali mieghu** (ara fol 31). Tinnega li kellha x' taqsam sesswalment ma habiba D. A fol 33, **minuri A xehdet li minuri B kienet messet il-parti genitali tal- imputat.** Il- minuri innegat dak li gie allegat a fol 34. Hija innegat wkoll li kienet qed tipprattika sess orali fuq l-imputat waqt li minuri B kienet qed tbusu u tghid li dan gara biss meta minuri B telqet.

A fol 36 il-minuri xehdet li **Minuri B kienet hajritha tlett darbiet biex hija Minuri A jkollha x' taqsam sesswalment ma Imputat** u dana wara li Minuri A kienet rat lil Minuri B titbewwes ma l- imputat u tmisslu l- parti genitali tieghu. A fol 37 u 38 il-minuri kkonfermat li l-imputat **qatt ma uza forza fuqha**, **qatt ma zammha b' xi mod**, **qatt ma sawwatha biex hija taghmel dak li ghamlet** u **li qatt ma sawwatha f' okkazjoniet precedenti ghal atti sesswali jew ipprovha ibezzaha b' agir vjolenti**. A fol 38 u 39 l- minuri xehdet li l- imputat ma rnexxilux idahhal il- parti privata tieghu f' taghha il-ghaliex hija kienet wegghet u ma kienetx cara jekk kemm –il darba l- imputat irnexilhux jippenetrha meta rega prova.

A fol 41 (omissis) minuri A baqghet issostni illi kienet saret taf bl-imputat f'Novembru ghalkemm kienet qalet lil gharusa tal-imputat li kienet tafu fis-Sajf.

A fol 42 tghid li mhux certa mija fil-mija.

omm minuri B ta' omissis sena, xhedet illi kienu l-Pulizija li baghatu ghaliha. Hija xhedet illi bintha Minuri B u minuri A kienu mixja fi Triq 1 u waqfu jkellmu lill-imputat. Dan

qabad lil Minuri A minn idejha dahhalha f'garage, tefa' hwejjigha go barmil bl-awrina.

Minuri B telqet minn fuq il-post u talbet lil minuri A tmur maghha izda din irrifjutat. Meta rritornat Minuri B sabet lil minuri A u l-imputat gharwenin, b'minuri A tamministra sess orali fuq l-imputat.

Omm minuri B xhedet li skont bintha, minuri A ta' sikwiet kienet taghmel dawn l-affarijiet u kellha relazzjonijiet sesswali ma' diversi guvintur.

Omm minuri B hafret lill-imputat (a fol 61) u li kien ghaliha rrinunzjat ghal azzjoni kriminali.

Minuri B xhedet illi kienet ilha taf lil minuri A ghal xi sentejn ghaliex kienet tattendi l-istess skola u tghix fit-triq taghha. Minuri B kkonfermat li kienet taf lil imputat ghal dawn l-ahhar sentejn. Hija xhedet illi fid-9 ta' Frar hija kienet iltaqghat ma' (omissis) minuri A, marru fil-*omissis* fil-*playing fields* ta' rahal A fejn minuri A bdiet **"tikkumidja"** billi taqbez u titkaxkar mal-art. Meta sar il-hin, Minuri A ma rieditx tmur lura d-dar u qalet lil Minuri B li kienet ser toqghod ghand habib K.

Minuri B xhedet li hija u Minuri A bdew mixjin, ltaqghu mal-imputat u li Minuri A bdiet "tilaghblu biz-zip tal-qalziet" (a fol 65). Minuri B issostni li Minuri A mbaghad bdiet tiftah l-buttuni tal-flokk taghha, bdiet tghollieh, nizzlet il-qalziet u l-qalziet ta' taht ghalkemm **kienu f'nofs ta' triq**. Imbaghad qabdet id l-imputat u dahlitu l-gewwa fil-garage. Minuri B xhedet illi bdiet issus wara minuri A biex imorru d-dar izda minuri A ppartecipa f'sess orali mal-imputat. Illi sussegwentement marru d-dar ta' minuri A, izda ma fethilhom hadd u minhabba li kienet ix-xita qliel, Minuri B hadet lil minuri A d-dar taghha.

A fol 68 u 69 Minuri B baqghet tinsisti li kienet Minuri A li qabdet lil imputat u dahhlitu fil-garage. A fol 70 minuri B xhedet li hija kellha 'date' mal-imputat fis-sajf precedenti. Tinnega li kienet ttantatu b'xi mod. Hija qalet illi Minuri A

kienet marida minn moħħha u kienet tigdeb hafna. Hija qalet li l-imputat kien jaf bil-kondizzjoni taghha.

In kontro ezami, minuri B xhedet li Minuri A qaltilha li kienet marret ma' xi erbatax (14)-il guvni, qabel l-imputat, fosthom boyfriend L, boyfriend M, boyfriend N, boyfriend O, boyfriend P. L-(omissis) minuri B nnegat li hi jew Minuri A hajru lil imputat jidhol fil-garage maghhom (a fol 76).

Hija ammettiet li biset lil imputat fuq haddejh qabel irretornaw id-dar. Hija xhedet li kienet taf lil certu habib Q u habib R. Qalet li tirritorna d-dar fid-9:30pm fis-Sajf.

L-(omissis) minuri B baqghet issostni li minuri A kienet nezghet gharwiena huta f' nofs ta' triq u li hija (Minuri B) qabditha minn xaghrha (u mhux mill-flokk kif asseriet aktar 'il fuq) biex tehodha d-dar. Tinnega li kienet hi li bieset lil imputat u li laghbet maz-zip tieghu. L-(omissis) minuri B gharfet lil imputat (a fol 82).

Dr Joseph Saliba a fol 96 psikjatra kkonferma li (omissis) minuri A kienet pazjenta tieghu sa mill-2002. Kienet fic-*Child Guidance Clinic* u *Young People's Unit* minn Settembru tal-2002 sa Settembru tal-2003.

Huwa xhed li minuri A kienet tbati minn "*a mixed conduct and emotional disorder*" u li kellha wkoll problemi kbar ta l-imgieba, tisfida u tkun imdejqa. Huwa qal li kellha intelligenza baxxa izda fil- perametri tan- normal u ma kienx hemm *mental retardation*. Il- Psikjatra xehed li minuri A kienet taf x'inhu tajjeb u hazin. Dr Saliba esebixxa Dok JS a fol 99.

Fir-rapport tieghu Joseph Saliba jsemmi diversi ezempji tal-kondotta mhawda ta' minuri A, inkluz li meta kellha omissis snin kienet ghallqet zewgt qtates, u meta kellha omissis snin giet abbuzata sesswalment miz-zewg subien ta' gara, u li sikwiet kienet tkun ma' irgiel anzjani li ssejhilhom "nannu". Fl-istess rapport jinghad li minuri A regghat bdiet taghmel l- awrina tahtha (enuresis) u ccapas il-*menses* mal-hitan tal-*ward* u tad-dar taghha.

Spettur A Cassar a fol 101 xhed illi s-*Senior Occupational Therapist,* Elizabeth Abdilla, kienet irrapurtat lil minuri A bhala persuna nieqsa mid- dar u dana wara li rceviet telefonata minn ghand omm minuri A. L- Ispettur Cassar ta’ spjegazzjoni tal-isforzi intensivi tal-pulizija sabiex jintraccaw lil minuri. Meta sabuha, Minuri A tat rakkont ta’ fejn kienet marret meta telqet mid-dar, semmmiet li certu habib S li allegatament nezzahha u stupprha izda ma setghatx tindika lil-pulizija l- indirizz tieghu (a fol 102). Sussegwentement investiga lil L-(omissis) minuri B li tatu rakkont ta’ dak li sehh fid- disgha (9) ta’ 2007. L- Ispettur Cassar xehed li Minuri A fl-ahhar ammettiet li kienet gidbet fuq habib S ghaliex skopriet li l-imputat kellu gharusa. Hija allegat li l-imputat kellu x’jaqsam maghha.

L-imputat gie investigat irrilaxxa stqarrija fejn sostna li Minuri B u Minuri A kienu ltaqghu mieghu, dahlu fil-garage, Minuri B bdiet tbusu u tmiss il- parti genitali tieghu, u Minuri A spiccat biex nezghet il-hwejjeg u pprattikat sess orali fuqu waqt li Minuri B kienet ghadha titbewwes mieghu (ara Dok AC1).

Spettur Cassar esebixxa certifikat tat-twelid ta’ Minuri A.

Elizabeth Abdilla a fol 106 et seq. tat rakkont ta’ xoghol li ghamlet mal-minuri Minuri A mill-2002 ’il quddiem, spjegat it-tilwim li kien hemm bejn l-omm u l-minuri li soltu jispicca b’theddida li Minuri A kienet ser tinqafel l- Isptar Mounte Carmeli (a fol 70). Abdilla xhedet dwar il-fatt illi kienet hi u mhux omm Minuri A li ghamlet rapport lil Pulizija u kif interveniet biex ipperswadiet lil Minuri A tmur l-ghassa.

Abdilla xhedet li l minuri li kellha riha insapportabbli fuq il-persuna taghha (a fol 109).

**Abdilla xhedet li Minuri A qaltilha li marret toqghod ghand habiba taghha u giet stuprata minn hu l- habiba taghha (a fol 112).**

Dr Mariella Mangion a fol 113 et seq. xhedet illi kienet ezaminat lil minuri A f’Marzu tal-2003 fuq problema ta’ imgieba taghha waqt l-iskola li kienet ribbelluza u ta’

sikwiet tisfida, li turi ghemil li ma kienx xieraq u cioe li tgholli d-dublett. Gie stabbilit li l-*Intelligence Quota* ta' Minuri A kienet "*low range of normal*".

Dr Mangion xhedet illi Minuri A ma kienitx taf tikkontrolla l-emozzjonijiet taghha u tat ezempji ta' tifrik ta' *windscreen,* ta strangulazzjoni, ta' zewgt iqtates (a fol 114). Dr Mangion xhedet illi minkejja li ghall-ewwel, wiehed jiehu impressjoni li din il-minuri kienet persuna matura, f' qasir zmien wiehed jikkonkludi li Minuri A kienet persuna immatura hafna.

Dr Philip Amato Gauci, li kien fil-bidu ta' *internship* tieghu ta' spjegazzjoni ta' *disorders* fl-imgieba u l-emozzjonijiet tal-minuri.

John Testa, ufficjal tal-ETC ikkonferma li l-imputat sab xoghol fiss u ezebixxa Dok JT.

Spettur Antonovich Muscat ikkonferma x-xhieda tal-Ispettur Cassar, il verzjoni tal-fatti mghotija mill-imputat u kkonferma Dok AM it-tieni stqarrija tal-imputat.

Josianne Cassar xhedet li l-imputat kien sab impjieg gdid mal-Bank.

L-imputat ghazel li ma jixhidx.

John Testa, Probation Officer, ta' rapport pozittiv hafna fil-konfront tal-imputat.

Ikkonsidrat:

Illi din il-Qorti, in vista tal-ahhar Gurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta, u cioe' **il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina vs Alvin Privitera)** deciza fil-11 ta' April 2011, il-**Pulizja Suppretendent Norbert Ciappara vs Esrom Pullicino** deciza 12 ta' April 2011 u l-**Pulizja Spettur Victor Aquilina vs Mark Lombardi** deciza fit-12 ta' April 2011 tiddikjara illi l-istqarrija tal-imputat, (li ttiehdet skond il-proceduri u prattika adoperata mill-pulizja ezekuttiva fi

zmien tat-tehid taghha izda fl-assenza ta' konsulent legali tieghu u minghajr ma ttiehed il-parir tal-istess) **qed tigi imwarrba addirittura** minn din il-Qorti li ser tistrieh biss fuq ix-xhieda tal-minuri, il-genituri taghhom u tal-pulizija kull fejn ma ssirx referenza ghall-istess stqarrija tal-imputat, u x-xhieda prodotta mid-difiza. Dan qieghed isir skond il-pronunzjament tas-sentenza **Cadder (Appellant) v. Her Majestry's Advocate (Respondent) (Scotland) [2010]** ESKC 43 **"The court should follow any clear and constant jurispidence of the Strasbourg Court… when faced with a unanimous decision of the Grand Chamber, that was, in itself a formidable reason following it. Salduz is a decision of the Grand Chamber, now firmly establish in the European Court of Human Rights Case Law…"** kif raffermata fil-kawza **Il-Pulizija vs Mark Lombardi Op. Cit a fol 2.**

L-imputat jinstab mixli bi stupru aggravat ta' (omissis) minuri A.

Ir-reat ta' stupru huwa dak kontemplat fl-Art 198 tal-Kap 9 li jistabbilixxi:

***198. "Kull min, bil-vjolenza, jikkommetti stupru fuq persuna ta ssess il-wieħed jew l-ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet snin sa disa' snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha".***

L-aggravju msemmi fl-Art 201(b) Kap 9 jipprovdi:

***201. "L-istupru u kull attentat ieħor għall-pudur jitqies dejjem bħala vjolent –***

***(a) meta jsir fuq persuna taħt l-età ta' tnax-il sena;***

***(b) meta l-persuna li fuqha jsir l-abbuż ma tkunx tista' tirreżisti minħabba marda tal-ġisem jew tal-moħħ jew għal raġuni oħra indipendenti mill-egħmil tal-ħati, inkella minħabba l-mezzi qarrieqa li l-ħati jkun inqeda bihom".***

Jsegwi ghalhekk illi l-Qorti trid tezamina x-xhieda tal-psikjatri fil-kaz odjern sabiex jigi determinat jekk l-element ta’ vjolenza ghandhiex tigi prezunta skond il- ligi o meno.

Dr. Joseph Saliba, fix-xhieda tieghu sostna li kien ilu jikkura lil minuri Minuri A sa mill-2002. Jitkellem car u tond fuq id-djanjosi tal-minuri cioe’:

***“mixed conduct and emotional disorder”* (vide a fol 97).**

Mitlub jghid jekk din d-disordni taqax taht il-klassifika ta’ njurosi jew psikosi, Dr Joseph Saliba jghid:

***“… it is definitely not a psychosis, in children pjuttost nghodduhom bhala njurosi, but it’s not strictly speaking a neurosis, it is a childhood disorder.”(ibid).***

Dr Saliba elimina l- istat ta’ *mental retardation* fil-konfronta tal- minuri Minuri A anzi sostna li Minuri A kellha intelligenza normali – naqra aktar baxxa mill-*average intellegence* dejjem pero’ f’ambitu tan-normal (ibid). In fatti Dr Saliba jghid li **“m’ghandhiex psikosi,” u mhix “*mentally subnormal”* u “taf x’inhu tajjeb u hazin u taf meta ghamlet hazin” (a fol 98).**

Mix- xhieda ta’ Dr Saliba johrog car illi minuri A ma tbatix minn **“marda tal- mohh”** u ma ngabet ebd aprova ohra mill- Prosekuzzjoni li turi, b’ xi mod anki remot, li minuri A ma setghetx tirrezisti lil imputat **“minhabba raguni ohra independentament mill- ghemil ta l- imputat”.**

Fid-dawl ta’ fuq espost il-kondizzjoni li minnha tbati minuri A ma tinkwadrax fil-parametri tal-Art 201(b) Kap 9.

Eliminat l-aggravju tal-201(b), l-element ta’ vjolenza fl-istupru ma jistax korrettement jigi prezunt.

Illi mill-assjem tal-provi prodotti, hareg abastanza car illi l-imputat ma uza ebda tip ta’ vjolenza fizika fuq il-minuri A. In fatti a fol 37 u 38, Minuri A kkonfermat li l-imputat qatt ma uza forza fuqha, issekwestrha, sawwatha waqt jew

precedentement ghal atti sesswali jew ipprova jbezzaghha b'agir vjolenti.

Il-Qorti, m'ghandiex xrara ta' evidenza ta' xi griehi, imqar hfief, fuq il-minuri, jew almenu xi hwejjeg imcarta .

Il-Qorti, hasset illi kien fid-dover taghha tezamina kemm – il darba l-minuri Minuri A kienitx konsententi ghal atti sesswali jew jekk il-minuri kienitx biss qieghda tissottometti ruha bhala strument passiv ghal-volji libidinuzi ta' haddiehor:

**"Jekk minn dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti ssib li fil-kaz kien hemm "*a mere submission*" tal-minuri, "allura dik ma tintegrax il-kuncett ta' komplicità; u dak il-minuri kien vittma ta' persuna ta' eta' adulta li abbuzat mill-età giovanili tieghu".**

***(Vide Il-pulizija vs Maurice Goldstein App. Krim per Judge W. Harding deciza 23/2/1957)***

Apparti l- fatt kardinali li l-imputat kien, **hu nnifsu, minuri fid- data ndikata fl- akkuza**, il-fatti fil-kaz in ezami, juru b' mod manifest li (omissis) minuri A ma kienitx soggett passiv ghal volji libidinuzi tal-imputat. **Ghal kuntrarju, il-provi juru illi l-minuri Minuri A bdiet tinza hwejjigha f' nofs ta' triq pubblika**, **dahlet volontieri mal-imputat fil-parti ta' gewwa tal-garage u spiccat billi amministrat sess orali fuq l-imputat u dana wara li minuri B kienet tbewset mieghu u sar tokkament tal-parti genitali tal-imputat mill- istess Minuri B.**

**Dawn il-fatti m'ghandhom ebda kongruwenza ma elementi rekwiziti tar-reat ta' stupru. Ghaldaqstant ir-reat ta'stupru da parti tal-imputat fuq il-minuri Minuri A ma jissustiex.**

L-imputat wkoll jinsab mixli bl-akkuza ta' korruzzjoni ta' minorenni ai termini tal-Art 203 Kap 9 li jiddisponi u:

***"203. (1) Whosoever, by lewd acts, defiles a minor of either sex, shall, on conviction, be liable to***

***imprisonment for a term not exceeding three years, with or without solitary confinement:***

***Provided that the offence shall be punishable with imprisonment for a term from three to six years, with or without solitary confinement, in each of the following cases:***
***(a) if the offence is committed on a person who has not completed the age of twelve years, or with violence;***
***(b) if the offence is committed by means of threats or deceit;***
***(c) if the offence is committed by any ascendant by consanguinity or affinity, or by the adoptive father or mother, or by the tutor of the minor, or by any other person charged, even though temporarily, with the care, education, instruction, control or custody of the minor".***

Il-Gurisprudenza Maltija hija abbundanti b'sentenzi illi jindirizzaw dak li jista' jigi kkaratterizzat jew dak illi jikkonsisti f'*atti di libidini* jew *lewd acts* izda forsi s-sentenza illi l-aktar illi taghti deskrizzjoni milquta hija dik ta' Pulizija versus Wiffen.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Pulizija versus Wiffen,** deciza fit-8 ta' Jannar 1996, per Prim Imhallef Dr Vincent De Geatano ikkonfermat:

***Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propria concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous***

***tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts.***

***'As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known specific instrument, but it is something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or Judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts.'***

Il- kaz in ezami huwa differenti ferm mill- kazijiet ssoltu jaqghu taht il- konsiderazzjoni ta' din il- Qorti. Dan qieghed jinghad il- ghaliex ghalkemm huwa veru li l- imputat ha sehem shih f' atti sesswali ma l- minuri, johrog car mill- provi prodotti, li minuri A u minuri B **kienu protagonisti ewlenin** fil- manjiera li biha twettqu l- atti sesswali kemm bejn Minuri B u l- imputat kif wkoll ghal- dawk bejn l- imputat u minuri A. Hemm provi sgjaccanti li l- agir ta dawn iz- zewg minuri kien kemm spint, kif wkoll prekoci ghal- ahhar. **Dan l- agir sesswalment provokanti taz- zewg zghazagh kien ikun ta tentazzjoni gravi anki ghal- adult multo magis ghal- tifel ta' omissis sena.**

Il-Qorti imbaghad ghaddiet biex tezamina jekk kemm il-darba l-atti prattikati fuq il-minuri attwalment wasslux sabiex jikkorrompu l-istess minuri u ghal dan il-ghan, ghamlet referenza ghall-insenjament tal-principji enuncjati fil-kawza **Pulizija versus Ganni Schembri deciza fl-11 ta' Ottubru, 1948 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Imhallef William Harding.**

***"Meta l- minorenni jkun gie moghti ghall- vizzju jista cio nonostanti ikun hemm ir- reat ta' korruzzjoni ta' minorenni. Ghaliex hadd ma ghandu l- jedd ikompli jispingi fuq it- triq tal-vizzju lil min forsi jista jitbieghed minnha kieku ma jabbuzawx ulterjorment minnu"***

Fil-kaz in ezami il-provi juru bic-car illi l-minuri Minuri A u minuri B t-tnejn kellhom infatwazzjoni mal-imputat (li fiz-zmien tal-akkuza kien minuri wkoll) minuri B bdiet titbewwes mieghu u wettqet tokkament tal-parti genetali tieghu. Illi wara dan Minuri A u l-imputat dahhlu fil-parti ta’ gewwa tal-garage, u ppartecipaw f’atti sesswali konsenswali.

Il-fatti spece tal-kaz inezami u cioe’ il-fatt illi l-imputat u l-minuri Minuri A kienu t-tnejn minorenni; il-fatt li l-atti kienu konsenswali; il-fatt li Minuri A wriet ghemil ferm aktar spint u provokanti minn dak ta l-imputat; in-nuqqas totali ta’ vjolenza; il-pika ta’ zewg tfajliet fuq l-attenzjoni amoruza tal-imputat; il-fatt illi kemm il-Minuri A kif wkoll l- imputat minorenni kellhom kongungiment karnali ma’ partners ohra <u>qabel id- data citata fl- akkuza</u>, huma tali li ghalkemm jaqghu ampjament fir- reat ta’ korruzzjoni ta’ minorenni ai termini ta l- Artikolu 203 Kap 9, kienu jinkwadraw ferm ahjar fir-reat kontemplat l- Artikolu 204 C Kap 9 u cioe r- reat ta’ partecipazzjoni ta’ atti sesswali ma persuna taht l- eta’.

Fil-fehma tal- Qorti il- fatti speci tal- kaz ma jaqghux fil-parametri tar-reat kontemplat fl- Artikolu 203A Kap 9 li jikkontemmpla l- istigazzjoni u l- inkoraggament ta’ korruzzjoni ta’ tfal that l- eta’ b’mezzi <u>ohra</u> li mhumiex atti di libidini.

Jirrizulta ukoll ben ipprovat illi l-atti sesswali sehhu f’garage sotto kostruzzjoni u ghalhekk f’post pubbliku b’accidentalita’ bi ksur ta l - Artikolu 209 Kap 9 kif ritenut fis- Sentenza il- **Pulizja vs Maurice Goldstein App. Krim. (ibid) u Pul vs Toni Bezzina App. Krim. deciza fis-17 ta’ Mejju 1952 Per Imhallef Harding William.**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti, ssib lill-imputat mhux hati tal-ewwel akkuza ta’ stupru aggravat li minnha tilliberah, hati ta’ l- akkuza ta korruzzjoni ta minorenni (u cioe it- tieni akkuza indikata fl- Akkuza izda it- tielet akkuza indikata fl-Artikoli ta’ l- Avukat Generali); mhux hati ta’ l- akkuza ta’ instigazzjoni ta’ korruzzjoni ta’ tfal that l- eta’ (u cioe it-

tieni akkuza indikata fl- Artikoli ta’ l- Avukat Generali) li minnha tilliberah u hati ta l- akkuza ta’ offiza tal- pudur jew morali b’ ghemil li sar f’ post pubbliku (it- tielet akkuza indikat fl- Akkuza u r- raba akkuza indikata fl- Artikoli ta’ l-Avukat Generali), u wara li rat Art. 18, 203(1), 209, 28A u 28G, 37 Kap 9 tikkundanna lill-imputat ghal tmintax (18) – il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn.

In oltre tqieghed lil imputat Pulis taht *Supervision Suspended Order* ghal perjodu ta’ sentejn taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-*Probation Services* jew *Probation Officer* iehor minnu nominat.

Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi tal-kaz, l-eta’ minorenni tal-istess imputat u l-fedina penali tieghu il- fatt illi l- imputat jidher li huwa stradat, sab xoghol fiss u ma infethu ebda proceduri kriminali ulterjuri kontra tieghu fil- mori ta din il-kawza. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll ir-rinunzja ta’omm minuri B ghal fini tal-piena.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din s-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-P*robation Services*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------